Verżjoni Elettronika

A.L. 439 tal-2020

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali

BIS-SAĦĦA mogħtija permezz tal-artikolu 39 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 595. 25.

(2) Dan l-ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2018.

Iżid artikolu ġdid mal-ordni prinċipali.

2. Minnufih wara l-artikolu 10 tal-ordni prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa u d-dazju.

11. L-Aġenzija għandha tkun eżentata minn kwalunkwe responsabbiltà għall-ħlas ta' kull taxxa fuq id-dħul u dazju fuq dokumenti taħt kwalunkwe liġi li tkun fis-seħħ.".